MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Numru. 597/2004

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**JOSEPH MARY DIFESA ta' 61 sena, iben il-mejjet Joseph u Maria nee' Farrugia, imwieled Valletta nhar il-21.09.1951, residenti fil-fond Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 723051M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Mary Difesa** li gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Gunju, 2004, u fil-granet ta' qabel fil-Floriana, fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq, u cioe' DVDs, CDs, ecc, u dan bi ksur tal-Artikoilu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa jew immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' DVDs, CDs ecc, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra, u cioe' Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' Patrick J Galea Advocates rapprezentata minn Dr Patrick J Galea LL.D et hija rapprezentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati 12 ta' Gunju, 1988; 29 ta' Mejju, 2001; 4 ta' Frar, 2002; 27 ta' Gunju, 2002; 27 ta' Jannar, 2003, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Illi jirruzlta mill-provi prodotti li ufficjali tal-pulizija ghamlu tfittxija fuq stall allegatament ta' l-imputat Joseph Difesa. Hemm dawn l-ufficjali – WPS 95 Joanne Farrugia u Matthew Parnis Ex Kuntistabbli, sabu lill-istess imputat ma' zewgt itfal ibiegh CDs u DVDs. Minn go kaxxa fuq l-stall inhargu 17-il film CDs, cioe' DVDs ezebiti bhala Dok JF. Fil-fehma tas-Surgent dehrilha, pero ma ngabet ebda prova ta' dan, li kien hemm persuna li ordnat minn dawn. Gew elevati dawn u thalliet taghhom seizure note. Dawn gew ezebiti bhala Dok AM.

Dr Patrick Galea ezebixxa sensiela ta' prokuri (fotokopji ta' l-originali), Dok PG folio 88 – 133.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta’ Dr Martin Bajada fejn ikkonkluda li l-ezebiti, cioe’ CDs jew DVDs kienu non-compliant. Qal illi mis-CDs ezaminati, sab wahda Universal, tnejn Columbia, wahda Warner, u wahda Miramax. L-ohrajn ma kellhomx awtur fuq l-inlay. Zied illi ma kien hemm xejn kontrafatt, pero li kienu fotokopja ta’ inlay originali. Mistoqsi jekk minn jixtriha kienx jidher li kienet ghalih fotokopja, wiegeb illi l-prodott kien jikklassifikah bhala wiehed grossolan, li manifestament tinduna li kollox huwa kopja.

Ma tressqu ebda provi in difesa.

Ingabet ukoll bhala prova l-istqarrija moghtija mill-akkuzat fit-08.06.2004 – fiha l-imputat ammetta l-bejgh tas-CDS ikkupjati. Fir-rigward ta’ l-istess stqarrija, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-08.10.2012 fis-sentenza fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, pero qieghda tikkonsidra dak kontenut fl-istqarrija mhux biss bhala prova wahda isolata, pero maghdud u maghqud ma’ dak li xehdu l-ufficjali tal-pulizja, kif premess u dak konkluz mill-espert Dr Martin Bajada.

Illi ghaldaqstant, tenut kont tax-xhieda ta’ Dr Martin Bajada, din il-Qorti ma jirirzultax li l-imputat zamm ghandu merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b’qerq – tant illi l-istess espert jiddeskrivi l-prodott bhala falz ‘grossolan.’ Ghalhekk u allura tant falz li ma jistax jippretendi li hu dak li mhux!! Ghaldaqstant, hawn taghti ragun lid-Difiza u tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi Dr Martin Bajada kkonkluda wkoll illi dawn id-DVDs kienu non-compliant, fotokopjati allura dduplikati. Anke jekk ghal grazzja ta’ l-argument wiehed jiskarta dak konkluz mis-sentenza ta’ Steven hawn imsemmija, allura tigi skartata l-istqarrija ta’ l-imputat (ghalhekk din il-Qorti ghamlet referenza limitata u ferm ristretta ghaliha), jibqa’ l-fatt illi dawn is-CDs instabu fuq tilar, stall, go monti minn fejn l-imputat kien qieghed ibiegh il-prodotti tieghu, u nhargu minn go kaxxa fejn kienu mistura biex jintwerew.

Darba esposti fuq stall armat ghall-kummerc, anke jekk ghal ftit hin ghax intercettat il-pulizija, certament ma kinux qed jigu esposti biss ghal dekorazzjoni – tenut kont tal-fatt ukoll illi dawn kienu anke precedentement mistura!! Allura din il-Qorti hija fil-fatt konvinta li dawn is-CDs u DVDs kienu dduplikati biss ghall-iskop ta' kummerc.

Rat ukoll il-Qorti folio 140 (Dok MB) u ghalhekk min kien l-awtur jew is-sid ta' dak li kien l-original kontenut f'dawn id-diskettes ikkupjati, fosthom Columbia Pictures, Warner u Universal. Rat f'dan ir-rigward id-dokumenti ezebiti minn Dr Patrick Galea u d-debita kwerela.
Tqis ghalhekk illi gie ppruvat ir-reat taht l-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda ssib htija f'dan ir-rigward.

Rat ukoll li ebda sentenza u prova tar-recidiva ma giet ezebita.

Ghaldaqstant, issib htija biss fil-konfront ta' l-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tilliberah mill-addebiti migjuba fl-ewwel u fit-tieni akkuza.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali ta' l-imputat li pero mhix aggornata, fejn dawn in-natura ta' reati huma dejjem inkorrenti, donnu qatt ma tghallem xejn l-imputat moghti diversi opportunitajiet.
Din il-Qorti tqis illi l-piena idonea - tenut kont anke taz-zmien li hadet din il-kawza b'hela ta' zmiein taz-zewg partijiet, hija ta' sena habs sospiza ghal sentejn(2) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkundannah ukoll ghal multa ta' €4,000.

Tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tad-diskettes u DVDs ezebiti.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €221.37

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------